MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 80/2003/1

**Carmelo Camilleri**

**v.**

**Salvatore u Mary konjugi Camilleri, Kummissarju tal-Artijiet ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti konjugi Camilleri minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta'

Novembru 2008 li ddisponiet mill-kawza billi wara li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti laqghet it-talbiet attrici. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti konjugi Camilleri.
2. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta illi:

"Illi l-attur Carmelo Camilleri huwa inkwilin ta' porzjon art tal-kejl ta' cirka disat elef mitejn u erbghin metru kwadru (9240 mk) maghrufa bhala tal-Gebel l-Ahmar sive ta' Borg Gharib fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex kif tidher fuq il-pjanta annessa u markata Dokument A, liema art huwa jikri minn ghand l-ufficcju kongunt bhala successur tal-Massa Kapitulari tal-Kattidral ta' Ghawdex, li lilha kien originarjament ihallas il-qbiela.

"Illi l-attur dejjem u regolarment hallas il-qbiela fuq din ir-raba, li kienet u ghadha kollha kemm hi fil-pussess tieghu sal-lum.

"Illi fis-sena elfejn (2000) il-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet nieda 'Skema sabiex tinghata qbiela fuq art Agrikola tal-Gvern', sabiex jigi moghti titolu lil dawk il-possessuri ta' raba tal-gvern li kienu jahdmuh minghajr titolu.

"Illi b'mod l-aktar doluz u makakk u bi frodi tad-drittijiet ta' l-attur, il-konvenuti konjugi Camilleri qabdu u applikaw taht din l-iskema fejn ghamlu rapprezentazzjonijiet foloz talbu li jinghatalhom titolu fuq il-porzjon raba fuq imsemmi, peress illi skond huma din ir-raba kienet tinhadem minnhom u kienet fil-pussess taghhom. In sostenn ta' dan sahansitra hadu affidavit in konferma ta' l-istess, liema affidavit jikkostitwixxi flagrantament gurament falz. Dan peress illi l-inkwilin u possessur tar-raba kien l-attur li dejjem hadem u kkoltiva r-raba hu.

“Illi din l-applikazzoni ggib in-numru disgha, wiehed, hamsa hamsa (9155).

“Illi dan l-att da parti tal-konjugi Camilleri sar u jikkonsisti f’attentat sabiex jigi defrawdat l-attur, li sar jaf b’din l-applikazzjoni b’kumbinazzjoni.

“Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex jirtiraw din l-applikazzjoni u jiddikjaraw illi huma ma ghandhom l-ebda pretensjoni fuq din ir-raba, l-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:

“1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-inkwilin ta’ l-art fuq imsemmija.

“2. tiddikjara illi l-konvenuti Camilleri ma ghandhom l-ebda jeddijiet fuq din ir-raba.

“3. tiddikjara illi l-applikazzjoni sottomessa mill-konvenuti Camilleri mal-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet fl-‘iSkema sabiex tinghata qbiela fuq art Agrikola tal-Gvern’ saret bi pregudizzju ghad-drittijiet ta’ l-attur.

“4. tiddikjara illi r-rapprezentazzjonijiet maghmulin fl-applikazzjoni fuq imsemmija ma humiex veritieri.

“5. tikkundanna lill-konvenuti Camilleri sabiex jirtiraw l-applikazzjoni fuq imsemmija definittivament.

“6. tordna lill-konvenut Kummissarju ta’ l-Artijiet sabiex fin-nuqqas jichad din l-applikazzjoni tal-konvenuti Camilleri.

“Bl-ispejjez kollha nkluza VAT u nkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorju tal-11 ta’ Frar 2003 u tal-25 ta’ Frar 2003 u dawk ta’ l-ittra ufficcjali ta’ Marzu 2003. Il-konvenuti huma mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu ngunti.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Camilleri li biha eccepew illi:

"1. Illi qabel xejn u in linea preliminari l-esponenti jeccepixxu n-nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* ta' din l-Onorabbli Qorti fit-termini tal-artikoli 748 u 757 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk jitolbu illi huma jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur;

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, ghaliex kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur ir-raba 'Tal-Gebel l-Ahmar' sive 'Ta' Borg Gharib' kienet minn dejjem fil-pussess tal-esponenti daqs kemm kienet fil-pussess tal-attur, ghaliex it-titolu lokatizju fuqha huwa provenjenti minghand missierhom komuni illi kien ghadda l-pussess tar-raba liz-zewgt ahwa sa minn qabel ma miet;

"3. illi lanqas huwa veru illi l-esponenti marru rregistraw l-art taht l-iskema mnedija mill-Kummissarju tal-Artijiet minghajr il-konoxxenza tal-attur, jew illi huma ghamlu xi dikjarazzjonijiet foloz jew agixxew b'xi mod doluz jew makakk. Ghall-kuntrarju l-esponenti kienu nfurmaw lill-attur b'dak illi kien fi hsiebhom jaghmlu sa minn qabel ma marru jirregistraw l-art, u l-attur kien uriehom illi huwa ma kellu ebda interess naha jew ohra;

"4. Illi l-esponenti ghandhom dan xi jghidu dwar kull talba tal-attur:

- L-esponenti jaqblu illi l-attur huwa inkwilin ta' l-art fuq imsemmija, imma mhux inkwilin wahdu, imma ma' huh Salvatore Camilleri;

- L-esponenti ghandhom dritt ta' ko-inkwilini fuq l-art de quo;

- Illi l-applikazzjoni taht l-iskema imsemmija fic-citazzjoni ma saritx bi pregudizzju tad-drittijiet tal-attur, imma bil-kunsens, konsapevolezza w approvazzjoni tieghu;

- Ir-rapprezentazzjonijiet maghmulin fl-applikazzjoni huma korretti;

- L-attur ma ghandu ebda dritt guridiku sabiex jitlob li l-esponenti jigu kundannati jirtiraw l-applikazzjoni taghhom definittivament anke minhabba l-fatt illi din l-applikazzjoni b'ebda mod u manjiera ma tippregudika d-drittijiet talvolta spettanti lill-attur fuq ir-raba de quo;

- Hekk ukoll l-attur ma ghandu ebda dritt illi jitlob li l-Kummissarju ta' l-Artijiet jigu kundannat jew ordnat jichad din l-applikazzjoni.

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Maria Camilleri.

"Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Kummissarju ta' l-Artijiet, li biha eccepixxa illi:

"1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti rigward il-mertu tal-kaz in kwistjoni.

"2. illi l-eccipjent dejjem joqghod fuq il-fatti kif dikjarat mill-persuni li jkunu jippretendu jeddijiet ta' inkwilini fuq art amministrata minnu.

"3. illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

"4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut mahlufa minn Albert Mamo.

“Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Marzu 2008 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi ta' l-attur u l-konvenuti konjugi Camilleri.
“Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jikkontesta applikazzjoni li ghamlu l-konvenuti konjugi Camilleri mal-konvenut l-iehor Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex jigu rikonoxxuti bhala inkwilini ta' territorju raba f'Ghhajnsielem. Il-konvenuti konjuggi Camilleri jikkontendu illi bhala ko-inkwilini ta' din ir-raba, kellhom kull dritt japplikaw ghall-iskema mnedija mill-Gvern sabiex jigu rikonoxxuti bhala inkwilini jew pussessuri ta' raba proprjeta' tieghu. Il-konvenut l-iehor irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti.

“Qabel pero' ma jigi ttrattat il-mertu tal-kawza, jehtieg li tigi kkunsidrata eccezzjoni ta' natura preliminari mqajjma mill-konvenuti konjugi Camilleri, li jekk tigi milqugha twaqqa' l-kawza. Dawn il-konvenuti eccepew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris*. Jikkontendu f'dan ir-rigward illi, peress illi l-valur lokatizzju ta' din ir-raba certament ma jissuperax il-valur ta' hamest elef lira (illum EUR 11650), din il-kawza hija ta' kompetenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha. Imma f'din il-l-kawza, fost affarijiet ohra, qed jigi allegat illi l-konvenuti konjugi Camilleri ghamlu dikjarazzjoni falza mal-konvenut l-iehor biex jiksbu vantagg ghalihom taht skema li kienet giet imnedija mill-Gvern u dana a detriment tieghu. Kif gie mfisser mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fuq eccezzjoni simili, "*L-azzjoni ghalhekk ma tivvertix fuq il-validita' o meno tal-lokazzjoni ut sic izda minn kwestjoni ta' impunjattiva ta' skrittura ghal motiv precizat fl-avviz. Kwistjoni fejn il-valur taghha huwa indeterminat, bil-konsegwenza li din teccedi l-kompetenza tal-qrati inferjuri*." [1] Ghall-istess raguni ghalhekk, billi anke

[1] Vicky Coleiro noe. vs Michael Grech : 10.04.03 .

hawnhekk ghandna l-kontestazzjoni ta' skrittura minhabba allegat frodi, kwistjoni li l-valur taghha huwa ndeterminat, tichad din l-eccezzjoni.

“Fil-mertu mbaghad, insibu li r-raba deskritt fic-citazzjoni kien ilu zmien jintiret fil-familja tal-kontendenti Camilleri minn generazzjoni ghall-ohra. Il-proprjeta' kienet tal-Knisja u l-qbiela kienet tithallas lill-Massa Kapitulari tal-Katidral ta' Ghawdex. Meta gie biex jirtira Ganni Camilleri, missier il-kontendenti Camilleri, u ried jibda jigbor il-pensjoni, il-qbiela daret fuq l-attur, u minn dakinhar baqa' dejjem ihallas il-qbiela hu wahdu, u hadd minn hutu, lanqas il-konvenut Salvu Camilleri, ma kien jikkontribwixxi ghal dan il-hlas. Infatti r-ricevuti ta' din il-qbiela ilhom sa mill-elf disa' mija hamsa u sebghin (1975) jinhargu mill-prokuratur tal-proprjeta' li dan ir-raba jifforma parti minnu lill-attur u baqghu hekk jinhargu sal-elf disa' mija u tnejn u disghin (1992), meta l-proprjeta' ghaddiet f'idejn l-Ufficcju Kongunt.[2] Mis-sena ta' wara, ir-ricevuti relattivi bdew jigu rilaxxjati lill-istess attur minn dan l-Ufficcju.[3]

“Gara illi fis-sena elfejn (2000) il-Gvern nieda skema sabiex jigu registrati l-inkwilini jew pussessuri tar-raba proprjeta' tieghu. Il-konvenuti Camilleri thajjru japplikaw taht din l-iskema bhala possessuri tat-territorju in kwistjoni. Infatti mlew il-formuli kollha relattivi u pprezentaw fid-Dipartiment immexxi mill-konvenut l-iehor id-dokumenti kollha mitluba, inkluza dikjarazzjoni guramentata mill-konvenut Salvu Camilleri li kienet tghid illi: "*Jiena hawn taht iffirmat niddikjara u bil-gurament tieghi nikkonferma illi jien ili nahdem il-bicca raba' maghrufa bhala 'ta' Borg Gharib' fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka 9240 m.k. kif ahjar murija fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument A ghal matul dawn l-ahhar tletin (30) sen*a." [4]

---

[2] ara depozizzjoni tal-Mons. Girgor Vella a fol. 60a sa 60c tal-process u dokumenti minnu esebiti a fol. 61 - 63, u kopja ta' ricevuta a fol. 30 .
[3] ara kopji ta' l-istess ricevuti esebiti a fol. 31 – 32 .
[4] ara Dok. TC 11 a fol. 74, u Dokti. TC 1 u TC 2 u fol.64 - 65, Dokti. TC 4 sa TC 10 a fol. 67 sa 73 u Dok. TC 12 a fol 75 .

“L-attur jghid illi hekk kif sar jaf b'din l-appikazzjoni, ntavola oggezzjoni mal-Kummissarju ta' l-Artijiet,[5] u mbaghad ipproceda bil-kawza prezenti.

“Irrizulta wkoll mill-provi prodotti li l-attur bhala *full time farmer* li qatt ma kellu ebda impieg iehor, kien sa minn ckunitu jqatta' l-gurnata tieghu f'dan ir-raba. L-uniku zmien li kien nieqes minn hemm kien fil-Gwerra meta ngabar suldat. Ma' l-awtoritajiet kollha koncernati huwa dejjem deher bhala l-persuna responsabbli minn dan ir-raba. Hekk naraw illi s-servizz tad-dawl huwa registrat f'ismu mal-Water Services Corporation,[6] l-ispiera li hemm f'dan ir-raba hija wkoll registrata f'ismu mal-Malta Resources Authority,[7] u l-ktieb tar-raba ta' l-attur juri li dan ir-raba qed jinhadem minnu.[8] Il-bdiewa li ghandhom raba fil-vicinanzi kkonfermaw illi sa ftit qabel ma bdiet din il-kawza, meta l-attur minhabba ragunijiet ta' sahha ma baqax jinzel daqshekk ta' spiss fir-raba, kienu jarawh jahdem f'dan ir-raba l-gurnata kollha, u kull meta kellhom bzonn jiehdu xi ilma mill-ispiera li hemm f'dan ir-raba kienu jitolbu lilu biss.

“Minn naha l-ohra l-konvenut Salvu Camilleri isostni li huwa wkoll kien jahdem dan ir-raba w ilu hekk jaghmel minn meta kien ghadu zghir jghin lill-missieru. Gara pero' illi ghal xi zmien qata' peress illi kien imsiefer. Imma meta rritorna u beda jahdem mal-Milk Marketing Undertaking, xorta wahda kien isib il-hin biex jinzel xi darbtejn jew tlieta fil-gimgha jahdem f’dan ir-raba. L-attur jammetti dan, u jikkonferma li huh, bhal ma kienu jaghmlu wkoll hutu l-ohra Pawlu u Toni, kien xi kull tant imur jghinu fix-xoghol tar-raba. Ta' dan huwa dejjem kien jikkumpensah bi prodotti li kien ikollu mill-istess raba. Il-bdiewa li ghandhom ir-raba fil-qrib ukoll ikkonfermaw li kienu jaraw lil Salvu xi saghtejn fil-ghodu f'dan ir-raba jghin lil huh. Il-konvenut Camilleri qal ukoll li kellu parti minn dan it-territorju fejn huwa kien ikabbar prodotti ghalieh. Pero' baqa' qatt ma specifika kemm kellu u fejn kienet din il-parti.

---

[5] Dok. TC 3 a fol. 66 tergo .
[6] ara depozizzjoni ta' Angelita Grech a fol. 97 u Dok.. AG 1 a fol.98 - 104 .
[7] Dok. RL 1 a fol. 91 .
[8] Dok. JC 1 a fol. 158 .

“F'dawn ic-cirkostanzi huwa evidenti illi l-konvenut Camilleri ma jistax jitqies bhala ko-inkwilin tar-raba in kwistjoni, kif qed jippretendi. Is-successur ta' l-inkwilinat ta' din ir-raba wara li rtira Ganni Camilleri, kien ibnu Carmelo, l-attur prezenti, u hadd aktar. Il-fatt li l-konvenut Salvu Camilleri kien imur jghin lil huh fix-xoghol tar-raba ma jintitolahx li jigi rikonoxxut bhala ko-inkwilin, gialadarba ma hemm xejn x'jindika illi din ir-raba kienet qed tinhadem bejn l-ahwa indivizament bejniethom. Konsegwentement l-applikazzjoni tieghu fejn stqarr illi kien ilu jahdem dan ir-raba ghal aktar min tletin sena, minghajr aktar spjegazzjoni, saret biex jigi sgwidat il-Kummissarju ta' l-Artijiet u tinghata l-impressjoni li huwa kien l-attwali u l-uniku pussessur tar-raba in kwistjoni.  Dan naturalment kien ser ikun ta' pregudizzju kbir ghall-attur, illi kieku ma skopriex b'kumbinazzjoni b'din l-applikazzjoni u lahaq intavola l-oggezzjoni tieghu, kien jispicca pprivat ghal kollox mill-inkwilinat taghha.

“Il-konvenuti Camilleri jargumentaw illi din il-kawza saret intempestivament, ghaliex l-attur messu stenna li l-ewwel tigi processata l-applikazzjoni kontestata u mbaghad jekk jirrizulta li huwa ma jibqax rikonoxxut bhala l-inkwilin taghha, seta' jiehu l-passi mehtiega f'dak l-istadju. Il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament, u ma thossx illi l-attur kellu jistenna li l-ewwel jigi pregudikat serjament fid-drittijiet tieghu u forsi anke jitkecca mir-raba biex imbaghad jara x'ghandu jaghmel halli jissalvagwardja d-drittijiet tieghu. Anke l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet, fid-dikjarazzjoni annessa ma' n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, wera li kien dispost joqghod ghal dak li tiddecidi din il-Qorti dwar minn kellu dritt jigi rikonoxxut fl-inkwilinat ta' dan ir-raba, fl-uzu tad-diskrezzjoni tieghu f'dan ir-rigward.

“Ghaldaqstant kien gustifikat l-attur li jipprocedi b'din il-kawza hekk kif sar jaf bl-applikazzjoni in kwistjoni.

“Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Camilleri, tilqa' t-talbiet attrici u:

“1. tiddikjara illi l-attur huwa l-inkwilin ta' porzjon art tal-kejl ta' cirka disat elef mitejn u erbghin metru kwadru (9240 m.k.) maghrufa bhala "tal-Gebel l-Ahmar" sive "ta' Borg Gharib" fil-limiti ta' Ghajsielem, kif tidher fuq il-pjanta annessa u markata Dokument A ma' citazzjoni, liema art huwa jikri minghand l-Ufficcju Kongunt bhala successur tal-Massa Kapitulari tal-Katidral ta' Ghawdex;

“2. tiddikjara li l-konvenuti konjugi Camilleri ma ghandhom l-ebda jeddijiet fuq din ir-raba';

“3. tiddikjara illi l-applikazzjoni sottomessa mill-konvenut Camilleri mal-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet fl-iskema sabiex tinghata qbiela fuq art agrikola tal-Gvern saret bi pregudizzju ghad-drittijiet ta' l-attur;

“4. tiddikjara illi r-rapprezentazzjonijiet maghmulin f'din l-applikazzjoni mhumiex veritieri;

“5. tikkundanna lill-konvenuti Camilleri sabiex jirtiraw definittivament l-istess applikazjoni; u

“6. tordna lill-konvenut Kummissarju ta' l-Artijiet sabiex fin-nuqqas jichad din l-applikazzjoni.

“Bl-ispejjez, fic-cirkostanzi, jkunu kollha a karigu tal-konvenuti konjugi Camilleri.”

**L-appell tal-konvenuti konjugi Camilleri**

3. Il-konvenuti appellanti hassew ruhhom aggravati mis-sentenza surreferita u interponew appell minnha b’dawn l-aggravji:

- L-ewwel aggravju huwa li fl-ebda hin huma ma taw informazzjoni skorretta jew inkella ittentaw jizgwidaw lill-Kumissarju tal-Artijiet u r-rapprezentazzjonijiet minnhom maghmula kienu jikkostitwixxu stat ta’ fatt li verament kien jissussisti.

- Fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghall-premess, bid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti involviet ruhha fi proceduri amministrattivi u ezercitat diskrezzjoni meta tali diskrezzjoni kienet rizervata ghad-Dipartiment tal-Artijiet. Tali ezercizzju tad-diskrezzjoni kien jesorbita l-kompetenza tal-istess Qorti.

**Risposti**

4. L-attur appellat ipprezenta r-risposta tieghu li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti konjugi Camilleri.

5. Il-Kummissarju tal-Artijiet wiegeb li huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti salv li, kif eccepixxa quddiem l-ewwel Qorti, huwa ma ghandu jbati l-ebda spejjez in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**Fatti mertu tal-kaz**

6. F'din il-kawza l-attur qed jikkontesta l-applikazzjoni li ghamlu l-konvenuti konjugi Camilleri mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex huma jigu rikonoxxuti bhala inkwilini ta' territorju raba f'Ghajnsielem. Il-konvenuti konjugi Camilleri jikkontendu illi huma ko-inkwilini ta' din ir-raba, u bhala tali kellhom kull dritt li japplikaw ghall-iskema mnedija mill-Gvern sabiex jigu rikonoxxuti bhala inkwilini jew pussessuri tar-raba. Inoltre jikkontendu li l-applikazzjoni saret bil-kunsens, konsapevolezza u approvazzjoni tal-attur. Il-konvenut l-iehor, il-Kummissarju tal-Artijiet, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra t-tieni aggravju tal-appellanti billi jekk dan l-aggravju huwa gustifikat, ma jkunx hemm bzonn li din il-Qorti tinoltra ruha fl-aggravju l-iehor tal-konvenuti.

8. Fit-tieni aggravju taghhom l-appellanti jikkontendu li bid-decizjoni taghha, l-ewwel Qorti ipprocessat u ddecidiet din l-applikazzjoni hija stess, meta din kellha tigi processata mid-Dipartiment tal-Artijiet. Il-Kummissarju diga` kellu opposizzjoni mill-appellat u ohrajn u ghalhekk huwa kien f'posizzjoni li jiddeciedi l-applikazzjoni. Inoltre jsostnu li ma kienx fil-kompetenza tal-Qorti li tordna lill-Kummissarju tal-Artijiet li jichad l-applikazzjoni.

9. L-attur appellat wiegeb li l-azzjoni odjerna zgur ma tistax tigi deskritta bhala wahda ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv kif qed jippretendu l-appellanti. Inoltre sabiex is-sentenza tkun effettiva bilfors kellhom isiru l-ahhar zewg talbiet.

10. Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa minnu li dak li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienx stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv, tant li l-Kummissarju tal-Artijiet ghadu lanqas biss ha decizjoni. B'danakollu l-ewwel Qorti, bid-decizjoni taghha fejn laqghet it-talba tal-attur sabiex tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet sabiex jichad l-applikazzjoni tal-konvenut fin-nuqqas taghhom li jirtiraw definittivament l-applikazzjoni taghhom xorta giet li ssostitwiet id-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` pubblika, haga li din il-Qorti ma tistax taghmel skont il-ligi. Hekk kif il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` pubblika wara li tkun ezercitat hazin id-diskrezzjoni taghha, daqstant, anzi aktar, ma ghandhiex is-setgha din il-Qorti li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` pubblika qabel ma din ikollha l-opportunita` li dik id-diskrezzjoni tezercitha. Huwa veru li l-Kummissarju tal-Artijiet fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti izda b'daqshekk ma jistax jitqies li vesta lil din il-Qorti b'xi setghat li skont il-ligi ma ghandhiex u ghalhekk jekk il-Qorti m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` pubblika - li m'ghandhiex - il-fatt li l-Kummissarju tal-Artijiet ghazel li jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti ma jbiddel xejn mill-pozizzjoni legali ghaliex id-decizjoni ta' din il-Qorti trid necessarjament tkun wahda li tkun konformi mal-ligi.

11. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi milqugh, ghalkemm biss in parte inkwantu kienet korretta l-ewwel Qorti fejn irriteniet li dak li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienx stharrig gudizzjarju ta’ ghemil amministrattiv, u din il-Qorti sejra thassar is-sentenza appellata fejn din ordnat lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet sabiex jichad l-applikazzjoni sottomessa lilu mill-konvenut Camilleri.

12. Fl-ewwel aggravju taghhom, l-appellanti jissottomettu li mhux veru li huma ghamlu rapprezentazzjonijiet mhux veritieri fl-applikazzjoni taghhom sabiex jigu rikonoxxuti bhala l-inkwilin tar-raba. Jghidu li huma fl-ebda hin ma specifikaw li Salvu Camilleri kien jahdem esklussivament ir-raba inkwistjoni u li dan lanqas ipprova jaghti din l-impressjoni. Huwa ddikjara li kien jahdem dak ir-raba ghal tul ta’ zmien u f’dan ir-rigward xehdu diversi gabillotti li qalu li rawh jahdem dik ir-raba. Salvatore Camilleri qatt ma semma li kien ihallas il-qbiela jew li r-raba kienet registrata fuq ismu. Inoltre l-attur kien gie nfurmat u ma sabx oggezzjoni li Salvu Camilleri japplika biex jirregistra r-raba fuq ismu.

13. L-attur appellat wiegeb li l-ewwel Qorti ma ghamlet ebda apprezzament hazin tal-provi u ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul minnha billi ma hemm ebda raguni gravi li tiggustifika dan. Fil-mertu jghid li hu kien bidwi *full-time* u kien ihallas il-qbiela fuq din ir-raba li nqalbet fuq ismu minn missieru meta kien ghadu haj u li qatt ma tah permess lil Salvatore Camilleri biex jirregistra r-raba fuq ismu.

14. Din l-Qorti bhala Qorti ta’ Revizjoni m’ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, minghajr raguni gravi u impellenti. Stante li l-ewwel aggravju tal-appellanti jikkoncerna principalment apprezzament ta’ fatti maghmul mill-ewwel Qorti din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha biex titratta dan l-aggravju.

15. Jirrizulta li fl-applikazzjoni a fol. 65 il-konvenut Salvatore Camilleri ddikjara li hu kien ilu jahdem din il-

bicca raba ghal matul dawn l-ahhar tletin (30) sena[9]. Imkien ma ghamel xi kwalifika dwar il-mod kif kien qed japplika u applika sabiex hu jigi rikonoxxut bhala l-uniku inkwilin tar-raba kollu daqs li kieku dan kien qieghed f'idejh u haddiehor kien eskluz minnu. Ghalkemm fix-xhieda tieghu Salvatore Camilleri jippretendi li huwa ko-inkwilin, meta mela l-formola fil-parti fejn hemm imnizzel jekk kienx qed japplika ghal raba flimkien ma' ohrajn il-konvenut ma jsemmi xejn, ghalkemm kien jaf u jammetti li l-attur kien jahdem din ir-raba bhala bidwi *full-time* u kien ihallas il-qbiela fuqha u li qatt ma kien irrinunzja ghall-qbiela.

16. Ghalhekk fil-fehma ta' dina l-Qorti meta l-konvenut ta din l-informazzjoni lill-Kummissarju ta' l-Artijiet minghajr aktar spjegazzjoni ohra hu kien qed jaghti l-impressjoni li hu kien l-uniku pussessur tar-raba u ghalhekk dan ma setax ma sarx bi pregudizzju ghall-appellat. Fil-fatt irrizulta lill-ewwel Qorti, u din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni taghha, sabet li kull ma kien jaghmel l-appellant Salvatore Camilleri f'dan ir-raba kien li xi kultant jassisti lill-attur imma ma kienx ko-inkwilin. Kien l-attur li jhallas il-qbiela fuq din ir-raba kif jirrizulta mir-ricevuti esebiti[10] u l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dan ir-raba harighom dejjem hu.

17. Il-konvenut jikkontendi wkoll li hu kien infurma lill-attur li kien ser japplika biex jirregistra dan ir-raba fuq ismu u l-attur ma oggezzjonax. Jghid ukoll li t-tfal tieghu John u Charmaine kienu kellmu lil Dun Mikiel Camilleri u gharrfuh bix-xewqa tieghu li japplika taht l-iskema.

18. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif wara kollox ikkonkludiet l-ewwel Qorti, ma giex pruvat li l-attur appellat gie nfurmat jew ta l-kunsens tieghu sabiex dan ir-raba jigi registrat fuq isem Salvatore Camilleri. L-appellat cahad categorikament li huwa qatt gie nfurmat mill-appellant jew minn haddiehor dwar dan. Charmaine Cassar stess tghid li l-attur ma kienx tahom permess direttament imma indirettament tramite z-ziju Dun Mikiel. Hi qalet li z-ziju

[9] Fol 66
[10] Xiehda ta' Twanny Catania a fol 60(d) u ta' Mons.G.Vella a fol 60(a) u 61.

Karmnu ma jitkellimx (ghalkemm mhux mutu), u kien iz-ziju li jitkellem ghalih[11].

19. Dun Mikiel Camilleri xehed fuq dan l-allegat kunsens u qal li John Camilleri riedu jiffirma xi karta malajr malajr izda billi dan ma riedx jurih x’fiha l-karta, baqa’ ma ffirmax. Ikompli jghid li n-neputijiet, John u Charmaine ma talbuhx ezatt x’riedu u x’kienu ser jaghmlu anke meta tahom xi ricevuti antiki tal-qbiela. Cahad li l-konvenut inghata kunsens biex jirregistra r-raba fuq ismu.

20. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li gie pruvat li l-attur appellat kien ta l-kunsens tieghu biex Salvatore Camilleri jirregistra din ir-raba fuq ismu ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud ukoll.

**Decide**

21. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ in parti l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn ordnat lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet sabiex jichad l-applikazzjoni sottomessa lilu mill-konvenut Camilleri fin-nuqqas li dan jirtiraha u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu kwantu ghal hamsa minn sitta ($^5/_6$) mill-konvenuti appellanti konjugi Camilleri solidalment bejniethom, waqt li wiehed minn kull sitta ($^1/_6$) jithallsu mill-attur appellat.

Silvio Camilleri Geoffrey Valenzia Giannino
Caruana Demajo
President Imhallef Imhallef

**< Sentenza Finali >**

[11] Ara fol 214.

---------------------------------TMIEM---------------------------------